*Kunsill Lokali Ħamrun*
*Triq id-Duka ta' Edinburgh*
*Ħamrun*
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

Saret il-mitejn u tlieta u disgħin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun nhar il-Hamis 12 ta' Mejju 2011 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

## 1. Preżenti

| | |
|---|---|
| Is-Sur Vincent Bonello | Sindku |
| Is-Sur Christian Sammut | Vici Sindku |
| Dr. Johnaton Abela LL.D | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur Arthur Ellul | Kunsillier |
| Dr. Paula Mifsud Bonnici LL.D | Kunsillier |
| Is-Sur Cedric Valletta | Kunsillier |
| Is-Sinjura Carmen Borg | Kunsillier |
| Is-Sinjura Judith Bernardette Bugeja | Kunsillier |

## 2. Talba

Is-Sindku qal it-talba.

## 3. Approvazzjoni tal-Minuti

*3.1* Il-minuti tal-mitejn u wieħed u disgħin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun ġew approvati unanimament.

*3.2* Il-minuti tal-mitejn u tnejn u disgħin laqgħa (laqgħa b'urġenza) ġew approvati unanimament.

Fil-5.45pm s-Sur Cedric Valletta daħal għal-laqgħa.

## 4. **Punti li joħorġu mill-Minuti**

*4.1 Proġett tas-Suq*

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-appell li saret dwar it-*Tender for Installation of Electrical, Mechanical and Fire and Safety Services at Car Park* ma ntlaqax. Ġie deċiż li issa jiġi ffirmat il-kuntratt mal-Kumpanija Engenuity Ltd kif kien oriġinarjament approvat mill-Kunsill.

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li minn spezzjoni li għamel il-Kuntrattur li ngħatalu l-kuntratt tal-lift għall-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, jirriżulta li l-*lift shaft* irid jiġi estiż b'xi madwar 80cm. Il-Kunsill iddeċieda li ssir laqgħa bejn l-Inġineer Jason Vella, il-*Contracts Manager* Robert Ciantar u l-Perit Samuel Formosa biex tiġi solvuta din il-problema. Il-Kunsill iddeċieda li mhux lest li joħroġ flus f'dan ir-rigward.

*4.2 Attivita' 'Fil-Ħlewwa ta' Mejju'*

Il-Kunsill approva li l-fondi approvati għal-kiri tal-*Public Conveniences* għal din l-attivita' jkunu jistgħu jintużaw għas-sevizz ta' Gwardjan Lokali.

## 5. **Korrispondenza**

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-korrispondenza li rċieva l-Kunsill bejn l-14 ta' April u t-12 ta' Mejju 2011.

*5.1 Bord dwar il-Petizzjonijiet – Kontravenzjoni 128-12580-4*

Il-Bord dwar il-Petizzjonijiet aċċetta petizzjoni minn persuna mhux residenti l-Ħamrun li pparkja vettura tiegħu f'żona ta' parkeġġ bil-ħin waqt li kien xogħol. Il-Kunsill iddeċieda li jirreferi dan il-każ għall-kummenti tal-Uffiċjal Awtorizzat.

*5.2 ElectoWaste Malta Ltd – Skema ta' ġbir ta' ħwejjeġ*

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-kumpanija ElectoWaste Malta Ltd kienet lesta toffri servizz ta' ġbir ta' ħwejjeġ skartati. Ġie deċiż li jitfassal programm ta' ġbir fil-Ħamrun.

*5.3 Transport Malta – Controlled Parking Scheme*

Il-Kunsill ġie nfurmat li *Transport Malta* ingħatat il-parir biex ma' tapprovax li l-*parking bays* fil-parkeġġ riservat bil-ħin jinżebgħu kulur ieħor minħabba kawża pendenti.

*5.4 Banif Bank - Servizz*

Il-Kunsill irċieva ittra mill-Banif Bank sabiex issir laqgħa dwar is-servizzi tagħhom. Ġie deċiż li jiġu nfurmati li l-Kunsill għandu arranġamenti bankarji esklussivi ma'

bank ieħor minħabba self iżda għandu jistaqsi jekk il-Banif Bank hux interessat tiftaħ ATM fil-Ħamrun.

*5.5 Transport Malta – Keep Clear Bay fi Triq Manwel Magri*

Transport Malta approvat li ssir 'Keep Clear Bay' fi Triq Manwel Magri quddiem il-Knisja tal-Kunċizzjoni *b'message board 'Except for Funeral and Wedding Vehicles'*.

*5.6 Transport Malta – Double Yellow Lines fi Triq San Gejtanu*

*Transport Malta* approvat li d-*Double Yellow Lines* fi Triq San Gejtanu kantuniera ma' Triq Santa Marija jitqassru għal 5 metri.

*5.7 Soċjeta Mużikali San Ġużepp u Għaqda tal-Mużika San Gejtanu - Kunċerti*

Il-Kunsill irċieva ittra konġunta bejn is-Soċjeta Mużikali San Ġużepp u l-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu fejn talbu biex il-Kunsill jorganizza direttament il-kunċerti tal-Festa li jitellgħu l-Ħamis u l-Ġimgħa tal-festa ta' San Gejtanu. L-ispejjeż għal dawn il-kunċerti huma dawk ta' €2,000.00 kull wieħed.

Il-Kunsill iddeċieda li għal din is-sena ma jistax jiffinanzja dawn il-kunċerti minħabba li l-*budget* ma jippermettix. Ġie deċiż li ssir laqgħa mal-Għaqdiet biex jiġu spjegati b'dan t'hawn fuq. Is-Sindku, Viċi Sindku, Dr P. Mifsud Bonnici u s-Sur C. Valletta għandhom jattendu għal-laqgħa.

*5.8 Sound Vision Print- - Parteċipazzjoni fil-programm televiżiv Konfini*

Il-Kunsilli Lokali ġew mistiedna jipparteċipaw fil-programm televiżiv Konfini. Il-ħlas dovut biex jiparteċipaw fil-programm huwa dak ta' €1,000.00. Il-Kunsill iddeċieda li ma jieħux sehem.

*5.9 Bank of Valletta – Special Parking Permit*

Il-Kunsill irċieva talba mill-BOV sabiex il-Bank Manager s-Sinjura Scerri tingħata *Special Parking Permit* sabiex tkun tista tkompli tagħti servizzi personali lir-residenti tal-Ħamrun. Il-Kunsill approva li jinħareġ *Special Parking Permit* lis-Sinjura Scerri.

*5.10 Skola Sekondarja Subien, Marsa - Prize Day*

Is-Sindku ġie mistieden jattendi Prize Day tal-Iskola Sekondarja Subien, Marsa li ser issir nhar il-Erbgħa 25 ta' Mejju 2011 fis-6.30pm. Il-Kunsill ġie mistieden jippreżenta premju. Minħabba li donazzjonijiet m'għadhomx permessi bil-liġi l-Kunsill ma jistax jippreżenta premju.

*5.11 Transport Malta – Bollards fi Triq il-Vittorja*

Il-Kunsill intalab minn *Transport Malta* biex ineħħi *bollards* u katina li twaħħlu quddiem garaxx numru 253 Triq il-Vittorja, Ħamrun. Il-Kunsill iddeċieda li jirreferi din l-ittra lill-Pulizija għall-azzjoni minn naħa tagħhom.

*5.12 Transport Malta – Road Markings fi Triq San Gejtanu*

*Transport Malta* approvat li d-*Double Yellow Lines* fi Triq San Gejtanu kantuniera ma' Triq Anton Buttiġieġ jonqsu għal-5 metri, il-*parking bays* jiġu rranġati skond il-qisin stabbiliti mill-*Car Parking Policy* u li tinżebagħ *Motor Cycle Bay* faċċata ta'dar numru 50 fi Triq San Gejtanu.

*5.13 Ċentru Laburista Ħamrun – Arbli tal-festa*

Il-President taċ-Ċentru Laburista Ħamrun talab l-intervent tal-Kunsill rigward l-arbli tal-Għaqda Mużikali San Ġużepp li kienu ser jeħlu quddiem il-Każin Laburista. Is-Sur M. Caruana spjega li dan il-każ ġie riżolt għas-sodisfazzjon ta' kulħadd.

*5.14 Transport Malta – Timed Communal Un/loading Bay fi Triq P.P. Mifsud*

*Transport Malta* nfurmat lill-Kunsill li jidhrilhom li l-*Un/loading Bay* fi Triq P.P.Mifsud quddiem il-ħanut 'Tanti Palmier' mhux taqdi l-iskop ewlieni tagħha li s-servi għas-sitt ħwienet fil-viċinanzi. *Transport Malta* talbet il-kummenti tal-Kunsill. Il-Kunsill jidhirlu li l-post huwa adattat u li l-*Un/loading Bay* qed isservi l-iskop tagħha.

*5.15 Sur Joseph Tanti – Build Out*

Is-Sur Tanti talab lill-Kunsill jikkonsidra jibni *Build Out* fil-bankina fi Triq il-Kappillan Mifsud kantuniera ma' Triq Kanonku Bonnici sabiex jinqata' l-abbuż ta' parkeġġ quddiem il-garaxxijiet tiegħu. Ġie deċiż li din it-talba tintbgħat lill-*Transport Malta* għal-konsiderazzjoni.

Fis-6.35pm il-Viċi Sindku u s-Sur A.Ellul daħlu għal-laqgħa.

*5.16 Sur Omar Buġeja – Ġemellaġġ ma' Carpineto Romano*

Is-Segretarju Eżekuttiv qara ittra li rċieva l-Kunsill mingħand is-Sur Omar Buġeja rigward laqgħa li saret bejn rappreżentanti tal-Kunsill, s-Sur Buġeja u s-Sur Joe Cordina.

Il-Kunsill xtaq ikun jaf jekk ġietx approvata l-applikazzjoni li saret mill-Comune di Carpineto Romano u li għaliha kien irrefera s-Sindku ta' Carpineto Romano meta ġie jżur il-Kunsill.

Ġie deċiż ukoll li tissejjaħ laqgħa tas-Sotto Kumitat li għandu jkun kompost mis-Sindku, Viċi Sindku, s-Sur A.Ellul, s-Sur Omar Buġeja, s-Sur Joe Cordina, s-

Sinjorina Maria Borg Mifsud u s-Sur Rene Monsigneur. Is-Sur O.Bugeja għandu jintalab iġib kopja tal-applikazzjoni li saret waqt din il-laqgħa.

Il-Kunsill approva li jingħata ċertifikat lill-*Ħamrun Youths Initiative* flimkien mal-NGO's l-oħra tal-Ħamrun fl-okkażjoni tas-Sena Ewropea tal-Volontarjat 2011.

*5.17 Dipartiment għad-Disinn u t-Twettiq ta' Proġetti – Kontravenzjoni*

Il-Kunsill irċieva ittra mid-Dipartiment għad-Disinn u t-Twettiq ta' Proġetti fejn talab lil Kunsill jikkonsidra jwaqqa' kontravenzjoni li nħarġet lill-uffiċjal tad-*Door Numbering Unit* li kienet qed tagħmel xogħol fil-Ħamrun fuq talba tal-Kunsill. Il-Kunsill iddeċieda li jitlob lill-Uffiċċjal Awtorizzat sabiex jikkanċella din il-kontravenzjoni.

*5.18 Dr. Johnaton Abela – Dawl ma' niċċa fit-Triq*

Dr. Johnaton Abela kiteb lill-Kunsill għan-nom ta' resident li joqgħod 52, Triq Pawlu Saliba fejn talab li n-niċċa li għandu mal-faċċata tad-dar tinxtgħel mill-Kunsill. Dr. Abela ġie nfurmat li l-Korporazzjoni Enemalta ma' tapprovax talbiet simili.

Il-Kunsill approva unanimament sospenzjoni tal-Aġenda biex tiġi diskussa l-mozzjoni 1/2011 – *Security Cameras.*

## 6. <u>Mozzjoni 1/ 2011</u>

Is-Sur C.Valletta ressaq mozzjoni 1/ 2011

''Minħabba li ħafna residenti Ħamruniżi jixtiequ illi jitnaqqas l-abbuż tas-serq mil-lokal tal-Ħamrun.

U peress illi anke il-pulizija tal-lokal jixtiequ illi jkollhom xi tip ta' għajnuna fejn jidħol serq minn djar privati.

U sabiex jitnaqqas l-abbuż ta atti ta vandaliżmu mil-lokal tal-Ħamrun,

Għalhekk jiena Cedric Valletta qiegħed nipproponi illi jitwaħħlu security cameras fiż-żewg toroq prinċipali tal-Ħamrun, Waħda fi Triq il-Kbira San Ġużepp, l-oħra fi Triq il-Kappillan Mifsud u oħra fil-ġnien Oreste Chircop. Dawn il-Cameras jekk dejjem il-pulizija taqbel għandhom ikunu monitored miċ-ċentru tal-pulizija jew mil-għassa tal-Ħamrun.

Dawn il-cameras għandhom biss jintużaw għal fini tal-azzjonijiet msemmija hawn fuq u il-privatezza taċ-ċitattini għanda tkun rispettata skond il-liġi".

Il-mozzjoni ġiet sekondata mis-Sinjura J.Bugeja.

Is-Sur C.Valletta spjega li l-ħsieb tiegħu wara l-mozzjoni mressqa.

Dr. P. Mifsud Bonnici spjegat li taqbel fil-prinċipju mal-mozzjoni iżda temmen li biex is-sistema tkun effettiva trid tkun *monitored*.

Dr. J. Abela nforma lill-Kunsill li l-proposta biex jiġu ntrodotti CCTV's fil-Ħamrun kienet saritlu wkoll minn Uffiċċjal tal-Pulizija.

Is-Sindku spjega li l-Kunsill diġa kellu esperjenza ta' CCTV fil-Ħamrun, dik li kien hemm fi Triq il-Kunċizzjoni. Din is-sistema ma kinitx tajba biex tidentifika persuni. Is-Sindku staqsa wkoll jekk il-Kunsill għandux jiddiskrimina dwar f'liema toroq għandhom jeħlu s-CCTV cameras. Is-Sindku qal li hu kien favur li l-Kunsill jassisti lis-sidien tal-ħwienet li jkunu jridu jintroduċu sistema simili fil-Ħamrun iżda mhux li ssir mill-Kunsill. Ittiħed il-vot.

Il-mozzjoni ma ġietx approvata b'4 voti favur u 5 voti kontra.

Fis-7.30pm is-Sindku ġie skuzat mill-laqgħa u l-Viċi Sindku ippresieda.

## 7. Rapporti tas-Sotto Kumitati

### *7.1 Sotto Kumitat 4*

- Is-Sur M. Caruana ssuġġerixxa li l-laqgħa edukattiva tas-Sibt 28 ta' Mejju 2011 tiġi posposta minħabba li lejlet ser isir ir-riċeviment ta' Jum il-Ħamrun kif ukoll dakinhar ser isir ir-*Referendum*. Il-Kunsill iddeċieda li l-laqgħa tiġi posposta.

- Is-Sur M. Caruana nforma lill-Kunsill li l-fuljett ġie stampat u beda jitqassam.

  Is-Sinjura C. Borg staqsiet jekk is-Sotto Kumitat responsabbli mill-fuljett għadux jeżisti għaliex ilu ma jiltaqa'. Is-Sur M. Caruana spjega li kieku s-Sotto Kumitat kellu jiltaqa', l-artiklu tas-Sinjura C. Borg ma kienx jiġi nkluż fil-fuljett għaliex wasal tard. Huwa spjega li ma kienx prattiku li s-Sotto Kumitat jiltaqa' meta l-artikli jaslu wieħed wieħed. Huwa żied jgħid li r-ritratti li sottomettiet is-Sinjura C. Borg waslu lejliet l-istampar tal-fuljett. Is-Sinjura C.Borg spjegat li s-Sindku wkoll kien ilmenta magħha dwar ir-ritratti. Minn naħa tiegħu s-Sur M.Caruana spjega li huwa kien kellmu lis-Sindku u dan ma qallu xejn rigward ir-ritratti.

  Fis-7.45pm s-Sur M.Caruana ġie skużat.

## 8. Korrispondenza (kontinwazzjoni)

### *8.1 Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali – Ħaddiema mal-Kunsilli Lokali*

Il-Kunsilli Lokali ġew infurmati li l-ħaddiema tal-Gvern assenjati mal-Kunsilli Lokali iridu jirraportaw kollha għax-xogħol il-Ministeru minn nhar il-Erbgħa 1 ta' Ġunju 2011. Dan ifisser li s-Sur Mario Theuma mhux ser jibqa' jaħdem mal-Kunsill Lokali

Ħamrun. Fid-dawl ta' dan, kif ukoll għall-fatt li s-Sur Leli Chircop ser jirtira bl-eta f'Gunju 2011, il-Kunsill iddeċieda li jissospendi temporanjament ix-xiri tal-van.

*8.2 Sur Carm Busuttil – Konġestjoni fi Triq Lord Byron*

Is-Sur Busuttil ilmenta rigward il-konġestjoni li joħolqu l-vannijiet li jiġbru t-tfal mill-iskola tas-Sorijiet. Ġie deċiż li jittiħdu ritratti tal-konġestjoni u wara tintalab laqgħa mal-pulizija.

*8.3 Transport Malta – Road Hump fi Triq Lord Byron*

*Transport Malta* m'approvatx li ssir *Road Hump* fi Triq Lord Byron. *Transport Malta* ssuġġerit xi tip ieħor ta' *traffic calming*. Ġie deċiż li jiġi propost li jitwaħħlu *Dragon Teeth.*

*8.4 Transport Malta – 'No Entry' 'Except for Residents' fi Triq Kamelja*

*Transport Malta* m'approvatx li jitwaħħlu tabelli '*No Entry' 'Except for Residents'* fi Triq Kamelja. *Transport Malta* ssuġġerit li t-triq issir *one way*.

*8.5 Sur Joe Borg – Ħlas bin-nifs ta' kontravenzjoni*

Is-Sur Borg talab il-permess tal-Kunsill biex iħallas kontravenzjoni ta' €235.00 bin-nifs. Il-Kunsill ma sabx oġezzjoni u ddeċieda li jsir ftehim biex il-ħlas isir b'€20 fix-xahar.

*8.6 Transport Malta – Traffic Mirror fi Triq San Tumas*

*Transport Malta* approvat li titwaħħal *Traffic Mirror* fi Triq San Tumas faċċata tal-entratura komuni għall-57 garaxx.

*8.7 Malta Institute of Computer Sciences – Korsijiet tal-kompjuter – Sajf 2011*

Il-Kunsill approva li jorganizza korsijiet tal-kompjuter għar-residenti tal-Ħamrun mal-Malta Institute of Computer Sciences. Il-ħlas dovut huwa dak ta' €1,100 għal-150 student. F'każ li jkun hemm anqas minn 50 student il-Kunsill jingħata *refund* ta' €250.00.

*8.8 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għal korsijiet Life Long Learning*

Il-Kunsilli Lokali ġew mistiedna jorganizzaw korsijiet *Life Long Learning* mad-Dipartiment għat-Tagħlim Tul il-Ħajja. Il-Kunsill approva li jorganizza korsijiet fil-Malti, Ingliż u Somom livel bażiku u kors *Energy Saving Initiatives at Home*.

*8.9 Centro Turistico Studentesco e Generale – Skambju taż-Żgħażagħ*

Il-Kunsill irċieva stedina mic-Centro Turistico Studentesco e Generale ta' Lecce sabiex isir skambju taż-żgħażagħ mill-Ħamrun u dawk ta' Lecce taħt il-proġett *Action 1.3 Youth in Action Programme*. Il-proġett jismu Make a Change! – European Local Citizenship. Il-Kunsill Lokali Ħamrun ikun mistieden jibgħat 10 żgħażagħ taħt in-nom tal-Kunsill Lokali Ħamrun taż-Żgħażagħ. Il-Kunsill irid ikun lest li jipprovdi assistenza materjali sal-valur ta' €3,500.

Il-Kunsill approva li jissieħeb f'dan il-proġett.

*8.10 Ħamrun Liberty Sezzjoni Festa - Tappieri*

Il-Ħamrun Liberty Sezzjoni Festa talbet sabiex jitwaħħlu 6 tappieri ġodda għal-armar tal-Festa ta' San Gejtanu. Il-Kunsill approva li jsiru t-tappieri bil-kundizzjoni li l-manutenzjoni tagħhom tkun responsabilta' tal-Ħamrun Liberty Sezzjoni Festa.

## 9. <u>Rapporti tas-Sotto Kumitati (kontinwazzjoni)</u>

*9.1 Sotto Kumitat 5*

- Il-proġett tal-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ li jinvolvi l-instalazzjoni ta żewġ *Information Kiosks* ser jisemma 'Kun Af'. L-istima tal-proġett ser jinkludi l-*Information Kiosks,* Attivita' għall-Inawgurazzjoni tagħha kif ukoll *leaflets* informattivi.

- Il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill li l-istima ta' Henry Zammit Cordina għal-*filming* u *editing* tad-DVD dwar il-Ħamrun huwa dak ta' madwar €1,000.00. Il-Kunsill approva li jipproċedi bil-*filming*.

- Il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill li s-Sotto Kumitat qed jaħdem biex jorganizza *tournament* tas-Sabateo. Il-Kunsill iddeċieda li jixtri t-tazzi għal dan it-*tournament*.

- Il-Viċi Sindku spjega li ser isir ukoll kors ieħor ta' *Scuba Diving*.

*9.2 Sotto Kumitat 7*

- Is-Sur C. Valletta nforma lill-Kunsill li l-*Launching* tar-Rapport dwar Żvilupp Sostenibbli tal-Ħamrun ser isir mill-Onor. Dr. Chris Said fis-27 ta' Mejju 2011 fin-12.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

- Il-Kunsill approva li waqt ir-riċeviment ta' Jum il-Ħamrun l-esperti li ħadmu fuq ir-rapport u ma talbux ħlas għandhom jingħataw *frame* tal-fidda u plakka kommemorattiva.

*9.3 Sotto Kumitat 2*

- Is-Sur A. Ellul issuġġerixxa li l-Kunsill jaħdem fuq proġett biex jgħin lid-diversi dilettanti li jarmaw wirja fil-Ġimgħa l-Kbira.

- Is-Sur A. Ellul nforma lill-Kunsill li l-MEUSAC ser torganizza laqgħa dwar skema ta' fondi mill-EU. Is-Sur A.Ellul u s-Sur C.Valletta ser jattendu laqgħa nformattiva f'dan ir-rigward.

- Is-Sur A. Ellul informa lill-Kunsill li d-*draft* tal-proġett biex issir il-Palio fil-Ħamrun tlesta. Issa jonqos li jiġi finalizzat għaliex irid jiġi sottomess qabel l-aħħar ta' Mejju 2011.

*9.4 Sotto Kumitat 3*

- Is-Sinjura C. Borg nfurmat lill-Kunsill li għal-Konkors Qalb San Ġorġ Preca daħlu żewġ *envelopes* bin-nominazzjonijiet. Is-serata tal-premjazzjoni ser issir il-Ħamis 26 ta' Mejju fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministtrattiv tal-Kunsill. L-għażla ser issir mill-Bord ta' l-Ġurija.

- Is-Sinjura C.Borg nfurmat lill-Kunsill li s-Sotto Kumitat ser jorganizza Kors tal-Arti għat-Tfal, ħarġa għal-Father's Day kif ukoll ħarġa ta' ġurnata.

## 10. <u>Jum il-Ħamrun</u>

Il-programm ta' attivitajiet għal-Jum il-Ħamrun 2011 ser ikun kif ġej:

- L-Erbgħa 25 ta' Mejju – 6.00pm – Il-President jiltaqa' ma' l-NGO's fis-sala tal Kunsill;

- Il-Ħamis 26 ta' Mejju – 5.30pm – Preżentazzjoni Qalb San Ġorġ Preca fis-sala tal-Kunsill;

- Il-Ġimgħa 27 ta' Mejju – 12.30pm – *Launching* tar-rapport ta' Żvilupp Sostenibbli mill-Onor. Dr. Chris Said fl-Uffiċċju tal-Kunsill;

- Il-Ġimgħa 27 ta' Mejju – 6.30pm – Quddiesa San Franġisk u wara Bibita' u preżentazzjoni ta' Ġieħ il-Ħamrun fis-sala tal-Kunsill;

- Il-Ħadd 29 ta' Mejju – Attivita' fil-Ħlewwa ta' Mejju.

## 11. Ħwejjeġ oħra ta' natura urġenti

*11.1 Bring in Sites*

Is-Sinjura J. Bugeja ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill rigward il-bżonn li jitressqu l-iskips tal-*bring-in site* fi Triq il-Liċew.

## 12. Schedule of Payments

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-kontijiet li rċieva l-Kunsill sat-12 ta' Mejju 2011. (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Il-Kunsill approva unanimament il-ħlas tal-istess kontijiet.

## 13. Aġġornament

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30pm.

______________________
Vincent Bonello
Sindku
Kunsill Lokali Ħamrun

______________________
Philip Massa
Segretarju Eżekuttiv
Kunsill Lokali Ħamrun

______________________
DATA